MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Numru. 255/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Veen Johannes Marines**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Johannes Marines Veen ta' 26 sena mwieled l-Iskozja fit-22 ta' Jannar 1976 bin Corelis Veen u Carmela nee' Zammit residenti 242 Triq il-Wied Birkirkara. Detentur tal-karta ta' l-identita' 372797 (M)

Akkużat talli:

(a) Fis-26 ta' Frar 1999 u x-xahar ta' qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-

droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda dwar il-mediċini perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuan/I mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtroizzat bir-regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, cioe', fil-25 ta' Frar 1999 u x-xahar ta' qabel din id-data kellu fil-pusses tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l_Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija kienet fornuta lilu għall-użu personali skodn ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 (9) tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ***liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu persoanli tiegħu.***

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra li tapplika l-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna lill-imputa iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-22 t'April, 2002, l-istqarrija ta' l-imputat datata 7 t'April, 1999, u r-rapport a fol.24, 25.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-għaref Proekutur u ta' l-għaref difensur.

Ikkunsidrat

6. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fil-25 ta' Frar, 1999, il-Pulizija tad-diviżjoni ta' Ħal-Qormi infurmaw lill-Ispettur Norbert Ciappara li huma kienu arrestaw lil ċerta Diane Spiteri li kienu sabuha qed tabbuża mid-drogi. Lill-Pulizija Diane Spiteri kienet qaltilhom li kienet akkwistat id-droga minn għand persuna li ismu ma setgħetx tippronunzjah iżda lil din il-persuna kienu jsibuha bħal d-doughnut. Lill-Ispettur Norbert Ciappara qaltlu li kienet akkwistat id-droga minn għand Vinn Johannes Marines. Hija ma kenitx taf jekk kinetx qed ibigħ id-droga jew jekk kinux qasmuha flimkien.

7**. Fl-Istqarrija tiegħu l-imputat qal hekk:**

'Ili nagħmel użu mid-droga eroina on and off għal dawn l-aħħar sena u nofs u dawn l-aħħar sitt xhur waqajt heavy. Meta ngħid waqajt heavy infisser li dawn l-aħaħr sitt xhur jiena kont nuża kull jum ġieli użajt żżewġ pakketti kull jum. Għandi ngħid li jien waqaft f'daqqa.

Le. Jiena qatt ma begħt id-droga.

Le. Jiena qatt ma begħt id-droga eroina

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

8. Brian Farrugia xehed li l-vettura tal-marka Lada Samara bil-kulur blu bin-numru IAZ 826 tgħajjat lil Johannes Marines Veen u ilha tgħajjat lilu mid-29 ta' Settembru 1997. Il-vettur kienet skrappjata fis-27 ta' Settembru 2000.

9. PC 208 Brian Fenech xehed kellhom informazzjoni li raġel,a kkumpnajat minn mara, kien niżel fi Triq Saint Edward minn karozza BAD-912 ta' l-għamla Hyundai u ntlemah jieħu xi ħaġa minn ġo xi ħajt f'għalqa.  Saret tfittxija u din kienet negattiva.  Ftit wara l-istess persuna keient f'Pinto Street f'karozza Lada IAZ 826 fejn saret tfittxija li kienet negattiva.  Is-sid tal-karozza kienet Diane Spiteri li fil-preżenza tagħhom qaltilhom li kienet xtrat xi droga minn għand l-imputat.

10. WPC 172 Ruth Gauci xehdet li, flimkien ma' PC 208 u PC 822, hija kienet marret fi Triq Saint Edward fejn la nstabet il-karozzza BAD 912 u lanqas xi oġġett fiċ-ċint. Imbagħad marru fi Triq Pinto għaliex kienu infumati li l-istess persuna li marru jfittxu qabel kienet ġo karozza oħra IAZ 826.  Meta kienu l-għassa stabbilew li l-karozza BAD 912 tgħajajt lil Diane Spiteri u din kienet ammettiet li xtrat id-droga minn għand l-imputat

11. PC 998 David Sean Caruana xehed li kienet saret tfittxija fuq il-persuna ta' Johannes Marines Veen  fl-għassa ta' Ħal-Qormi u miegħu kien hemm ċerta Diane Spiteri.

12. Diane Spiteri xehdet li hi kienet marret l-għassa minn jheddha ma' missierha wara li kienu bagħtu għaliha l-Pulizija u qalet li ma tiftakarx x'kienet qalet lill-Pulizija dak in-nhar.  Hija ma għarfitx lill-imputat (paġina 41) u lanqas biss kienet tafu.  Hi ftakret il-laqam 'Doughnuts'.  Għall-mistqosija tal-Prosekuzzjoni:

'Jiġifieri tiftakar li lill-imputat kienu jgħidulu d-doughnut?'

Diane Spiteri wieġbet  'Minn dak iż-żmien niftakar doughnut biss'

13. Ix-xhud ma deherilhiex li akkwistat xi ħaġa minn għand l-imputat.  U lanqas ftakret jekk lill-Pulizija kenitx qaltilhom li akkwistat xi ħaġa minn għand l-imputat.

14. PC 82 Carmel Dingli xehed li l-Pulizija kient bagħtt għal Diane Spiteri għaliex il-Pulizija kienet stabbiliet li l-karozza ta' BAD 912 Hyuandai kieent ta' Diane Spiteri. Hija qalet lill-Pulizija li kienet marret fejn il-każin Pinto f'Ħal-Qormi u kellmet lil ċertu wieħed imlaqqam id-doughnut, staqsieha jekk riditx droga u wieġbet fl-affermattiv. Hu rikeb magħha u ħadha ħdejn iċ-ċint eżat fejn il-Poliklinika, ġabhilha siringa u ħallsitu u nfirdu. Lil dan ix-xhud Diane Spiteri qaltlu li kienet xtrat id-droga minn għand ċertu Johannes imlaqqam id-doughnut. (fol.45). Lil dan ix-xhud irriżultalu li din il-persuna kienet l-istes waħda li fuqu għamlu t-tfittxija. (fol.46)

## Konfront bejn PC 82 u Diane Spiteri

15. Meta Diane Spiteri reġgħet xehdet (22 ta' Frar 2005) il-Qorti fakkritha x'kient qalet fl-aħħar parti tax-xhieda tagħha mogħtija fid-19 ta' Novembru 2004. Fil-preżenza ta' PC 82 hija qalet li tiftakarx li kienet akkwistat xi droga minn għand l-imputat (fol.48).

16. PC 82 ftakar lix-xhud. Kien jaf li kienet qaltlu li kienet taħdem Mount Carmel u kienu kellmuha fuq il-kwistjoni tad-droga u hi ammettiet magħhom (għax miegħu kien hemm WPC 172 u t-208). Hija qalet li kient ltaqet ma' ċertu Doughnut u staqsieha jekk tridx droga u qalltu 'Iva' u rikkbitu fil-karozza Hyundai,ħadha fejn dan iċ-ċint, ġabhilha d-droga minn ġoċ-ċint, daħal il-poliklinika u ġabhilha siringa mill-poliklinika. Id-droga kienet eroina.

17. Diane Spiteri baqgħet tgħid li ma tiftkarax għal sitt darbiet f'paġina waħda u meta l-Qorti fakkritha li kienet bil-ġurament u staqsietha jekk kenitx taħgraf lill-Pulizija hija wieġbet:

'Lill-Pulizija iva imma ma niftakarx li rikkibt li xi ħadd fil-karozza.'

Il-Qorti staqsietha: 'Taf x'ghidtlu lill-Pulizija?' Hija wieġbet 'Le m'għandix idea.' (fol.51).

## Provi Difiża

18. Id-difiża ma tellgħetx provi.

**Trattazzjoni**

19. Il-Prosekuzzjoni issottomettiet li hemm provi sabiex l-imputat jinstab ħati taż-żewġ imputazzjonijiet speċjalment minħabba x-xhieda tal-Pulizija u x-xhieda ta' Diane Spiteri.

20. Id-Difiża issottomettiet li m'hemmx provi biżżejjed minħabba li dak li xehdu l-Pulizija huwa 'Hearsay' waqt li Diane Spiteri ma xehditx li kient xtrat jew ħadet id-droga minn għand l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Tliet xhieda tal-Prosekuzzjoni kkonfermaw bil-ġurament li Diane Spiteri kient qalet quddiemhom li kienet xtrat id-droga minn għand l-imputat. (Ara fol.22, 28 u 45 tal-proċess)

22. Għad-difiża dan hu biss hearsay u mhux ammissibbli bħala prova.

23. Skond l-artikolu 598 tal-Kap 12, res applikabbli għall-Proċeduri Kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap 9,

**'(1) Bħala regola l-Qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud jgħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jsita' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**

**(2) Il-qorti tista'. Ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijeit bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**(3) Iżda l-Qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirreferixxu dawk il-mistoqsijiet.'**

24. L-artikolu 599 tal-Kap 12 huwa wkoll res applikabbli għal Kap 9 bl-artikolu 645.

Dan l-artikolu  jgħid hekk:

**'Il-qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies taghha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jsita' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jsitgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu je li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'**

**Każistika Maltija**

25. Nhar it-13 ta' Jannar 1988 il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ 'John Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulziija et'[1] kienet qalet hekk:

'Ix-xhud ma setax jiżvela l-sem tal-persuna li kient tatu l-informazzjoni billi kien marbut bis-sigiet professjoanli. Kellu biss il-permess minn dik il-persuna li jixhed il-fatti lilu rakkontati.  Tali xhieda tikkostitwixxi 'hearsay'.  Ir-regola li tipprojbixxi tali xiehda ma hix waħda assoluta imam soġġetta għal diversi eċċezzjonijiet.  Il-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu konjizzjoni tagħha meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża jew jagħmel parti mill-mertu, inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra. Għalhekk ix-xiehda fil-każ preżenti kienet ammissibbli.'

[1] Volum: LXXII Pt.1 &2 l-ewwel  paġina

26. Każ ieħor li ttratta l-kwistjoni tal-hearsay kien 'Francesca Seychell et versus Antonio Seychell et'[2]. Hawn tnejn mix-xhieda potenzjali kienu mejtin u l-Qorti qalet:

'allura dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu riċevuti għax għandhom influwenza fuq il-mertu u jistgħu iservu biex, ma provi oħra li waħedhom mhumiex biżżejjed jippruvaw l-assunt ta' l-atturi; għaldaqstant il-ġudikant għandu jirċevihom bħal prova għax il-liġi ma tirrikjedix kondizzjonijiet oħra barra minn dawk fuq imsemmija. Il-konsiderazzjoni li dawk id-dikjarazzjonijiet ma humiex b'ġurament ma tistax tiġi dejjem meħuda dejjem in klakolu. Għar-raġuni li meta l-leġislatur qal li tista' tkun ammessa prova simili kien qiegħed jammetti provaq ta' bla ġurament u ma setax fiha jkun hem mil-kontor-eżami.'

27. It-tielet u l-aħħar każ li qed tirreferi għalih din il-Qorti huwa 'L-Onorevolissimo Gerald Lord Strickland versus Goffredo Chretien pro et nomine' deċiż fit-12 ta' Frar 1937[3] fejn il-Qorti qalet li skond l-artikolu 609 (illum 598) jippermetti l-attendibilita' ta' xhieda li jirreferixxu dak li jkunu jafu minn persuni oħra llum mejta jew li ma jistgħux jinġiebu bħala prova.'

28. Subramaniam versus Public Prosecutor (1956)

Fit-testi Ingliżi dwar il-'hearsay rule' il-każ gwida huwa 'Subramaniam versus Public Prosecutor'[4] fejn il-Qorti qalet:

'Evidence of a statement made to a witness….may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made.'

---

[2] Deċiż fis-27 ta' Marzu, 1936 Volum XXIXI.570, 580
[3] Deċiż fit-12 ta' Frar 1937 Volum XXIX.I 860, 863
[4] 1 W.L.R. 956 at 959 P.C.

29. Il-Qorti tista' tiġbor il-punti li joħorġu minn dawn il-każi kif ġej:

(1) Ir-regola tal-hearsay rule mhix waħda assolutaiżda soġġetta għal diversi eċċezzjonijiet.
(2) Mill-każistika Maltija wieħed jista' jikkonkludi li l-Qrati tagħna s'issa aċċettaw xiehda ta' nies li jew kienu mietu jew inkella min kellu jiddeponi ma setax jiżvela isem min qal ċerti kliem għax kien marbut bis-sigriet professjonali.
(3) Xieha tista' tkun tiswa biss bħal prova li ntqalu xi kliem minn ħadd ieħor;
(4) Iżda dik l-istess xiehda issir hearsay jekk l-għan ikun li peremzz ta' dik ix-xiehda wieħed irid jipprova l-mertu tal-każ.

30. Ma jidhirx li kien hemm xi preċedent fil-kamp Kriminali fejn xi Qorti tat tifsira aktar ampja ta' l-ewwel sentenza ta' l-artikolu 599 b'mod li tippermetti xiehda baħal prova tal-mertu meta din ix-xiehda hija msejsa fuq dak li qal ħadd ieħor. Ukoll fi żmien fejn ċertu pajjiżi qed ineħħu jew inaqqru sew fil-kunċett tal-hearsay rule, ma jidhirx li s'issa f'Malta kien hawn xi trattazzjoni taż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmija b'xi mod differenti minn dak li jidher fil-każi ċitati aktar 'il fuq.

31. Għaldaqstant din il-Qorti sejra timxi mal-prassi stabbilita u f'dan il-każ, ġaladarab seta' jinġieb ix-xhud u fil-fatt inġieb, qed tqis dak li qalu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni bħal juri biss li Diane Spiteri qalet li kient ġabet id-droga minn għand l-imputat iżda mill-bqija qed tqishom bħala hearsay għall-mertu tal-każ, jiġifieri jekk l-imputat ttraffikax id-droga jew jekk kellux pussess aggravate.

32. Dwar ix-xiehda ta' Diane Spiteri, ftit hemm xi tgħid. Din ix-xhud qalet li ma tiftakarx x'ġara u., kif diġa' intqal, f'paġina minnhom din il-frażi tidher sitt darbiet. Hija ftakret lill-Pulizija iżda mhux lill-imputat u l-unika ħaġa li ftakret keint il-kelma 'Doughnut'.

33. Fuq din ix-xiehda il-Qorti ma tistax tgħid li għandha provi biżżejjed għall-ewwel u għat-tieni imputazzjoni.

34. Biss minħabba l-istqarrija ta’ l-imputat li ta’ lanqas mis-7 t’Ottubru, 1999 (għajr l-aħħar tliet ġimgħat) huwa kien waqa’ heavy . Dan, skond l-imputa, ifisser li kien qed juża ġieli żewġ pakketti kull jum. Iż-żmien imsemmi jaqa’ fil-aarametri tad-data mogħtija fit-tieni imputazzjoni. U għalhekk peress li l-pussess huwa involut fil-pussess aggravat, waqt li din il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni fil-livell ta’ pussess biss.

35. Dan il-pussess il-Qorti jidhrilha li huwa **serju** u ripetut u mhux ta’ xi persuna li nqabdet b’xi ftit eroina fuqu. Barr dan l-eroina hija meqjusa bħala hard drug mil-Liġijiet ta’ bosta pajjiżi madwar id-dinja.

36. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat it-Taqsima 4 u 6,l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), 22(1B), ir-regoli 4 u 9 tal-GN 292/1939 qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u dwar it-tieni imputazzjoni hija qed tilliberah mill-pussess aggravat iżda qed issibu ħati ta’ pussess sempliċi.

37. Dwar il-piena, il-piena, il-Qorti, stante li dan kien pussess ta’ ċertu ammont, speċjalment għax ripetut, qed tikkundanna lill-imputat għal erba’(4) xhur priġunerija sospiżi għal sena u nofs kif ukoll għal multa ta’ Lm400 (erba’ mitt lira Maltija).[5]

Il-Qorti mhix ser tapplika l-artikolu 533 għax ebda espert ma tqabbad matul il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Fejn il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma sabitx imputat ħati ta’ pussess aggravat iżda ta’ pussess ta’ ċertu ammont, irriduċiet il-piena karċerarja (li ma ssospenditx) u imponiet multa wkoll (Ara ‘Il-Pulizija verus Marius Magri’ u ‘Il-Pulizija verus Degiorgio’)